31993D0173

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 22 Frar 1993

li tfassal il-formola standard prevista bl-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq

(93/173/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li tirrelata għat-trasport bit-triq [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkonsultat l-Istati Membri skond l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi l-formola standard imsemmija fl-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 għandha titfassal bħala mezz li bih jikkomunikaw l-Istati Membri mal-Kummissjoni, kull sentejn, l-informazzjoni neċessarja għall-preparazzjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tar-regoli komuni u dwar żviluppi fl-oqsma inkwistjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikulo 1

Il-formola standard imsemmija fl-Artikolu 16(2) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 għandha titfassal skond il-kampjun fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikulo 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Frar 1993.

Għall-Kummissjoni

Abel MATUTES

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 370, tal-31.12.1985, p. 1.

L-ANNESS

Mudell tal-formola standard li Stati Membri għandhom jużaw biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni neċessarja għat-tfassil tar-rapport dwar l-implimentazzjoni minn Stati Membri tar-Regolament tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li tirrelata mat-trasport tat-triq (L-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85) u dwar l-iżviluppi fl-oqsma inkwistjoni

1. PERJODU TA' REFERENZA

(L-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85)

Perjodu: Minn: . . . . . .

sa: . . . . . .

2. KALKOLU TAL-KONTROLLI MINIMI

(L-Artikolu 2 tad-Direttiva 88/599/KEE)

(a) Numru ta' ġranet maħduma min kull sewwieq tul il-perjodu ta' referenza . . . . . .

(b) Numru totali ta' vetturi soġġetti għar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 . . . . . .

(ċ) Numru totali ta' ġranet maħduma ((a) × (b)) . . . . . .

(d) Kontrolli minimi (1 % ta' ċ) . . . . . .

3. KONTROLLI

3.1. *Numru ta' kontrolli fil-ġenb tat-triq*

	KEE		Pajjiżi Terzi
	Ċittadini	Stati Membri oħrajn	
(a) it-trasport ta' passiġġieri	. . . . .	. . . . .	. . . . .
(b) it-trasport ta' merkanzija	. . . . .	. . . . .	. . . . .
(ċ) it-trasport ta' passiġġieri u merkanzija (meta mhuwiex possibbli li jkun hemm distinzjoni bejn żewġ tipi ta' trasport)	. . . . .	. . . . .	. . . . .

3.2. *Numru ta' sewwieqa kkontrollati fil-post ta' l-intrapriża*

(a) it-trasport ta' passiġġieri . . . . . .

(b) it-trasport ta' merkanzija . . . . . .

(ċ) it-trasport għall-kont proprju . . . . . .

(d) it-trasport għall-kiri jew it-tiġdid . . . . . .

3.3. *Numru ta' jiem ta' xogħol kkontrollati mal-ġenb tat-triq*

	KEE		Pajjiżi Terzi
	Ċittadini	Stati Membri oħrajn	
(a) it-trasport ta' passiġġieri	. . . . .	. . . . .	. . . . .
(b) it-trasport ta' merkanzija	. . . . .	. . . . .	. . . . .
(ċ) it trasport ta' passiġġieri u merkanzija (meta mhuwiex possibbli li jkun hemm distinzjoni bejn żewġ tipi ta' trasport)	. . . . .	. . . . .	. . . . .

3.4. *Numru ta' sewwieqa kkontrollati fil-post ta' l-intrapriża*

(a) it-trasport ta' passiġġieri . . . . . .

(b) it-trasport ta' merkanzija . . . . . .

(ċ) it-trasport għall-kont proprju . . . . . .

(d) it-trasport għall-kiri jew it-tiġdid . . . . . .

4. OFFIŻI – NUMRU TA' OFFIŻI RREĠISTRATI

(Ir-Regolament (KEE) Nru 820/85)

L-Artikolu	Tip ta' offiża	Passiġġieri			Merkanzija		
		Ċittadini	KEE	Pajjiżi terzi	Ċittadini	KEE	Pajjiżi terzi
6	Perjodu tas-sewqan – Perjodu tas-sewan kuljum – Massimu ta' sitt ijiem – Ħmistax						
7	Rikrejazzjonijiet – Sewqan għal iktar minn 4 sigħat u nofs mingħajr waqfien – Rikrejazzjonijiet qosra wisq						
8	Perjodi ta' mistrieħ – Kuljum – Fil-ġimgħa						
14	Skeda ta' servizz u roster ta' xogħol – B'nuqqas – Applikat b'mod inkorrett				(*)	(*)	(*)
	Total						

(*) Mhux applikabbli.

5. INIZJATTIVI NAZZJONALI
   - Regolatorji
   - Amministrattivi
   - Oħrajn

6. PENALITAJIET

6.1. *Skali*

6.2. *Bidliet*
   - Data tal-bidliet l-iktar riċenti
   - Referenzi amministrattivi jew legali

7. KONKLUŻJONIJIET U KUMMENTI, INKLUŻ KULL ŻVILUPP FL-OQSMA INKWISTJONI

Persuna responsabbli għall-kompilazzjoni ta' dan ir-rapport

Kunjom: . . . . . Isem: . . . . .

Pożizzjoni: . . . . .

Indirizz amministrattiv: . . . . .

Tel. . . . . .

Data: . . . . . Firma: . . . . .